27 ta' Jannar, 1917.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Dr. Frederick Maempel, M.D.

**Rekwiżizzjoni — Tiswijiet fil-Fond Rekwiżizzjonat — Dipartiment tal-Gvern.**

*Il-fatt li fond ikun rekwiżizzjonat ma jfissirx neċessarjament illi t-tiswijiet meħtieġa f'dak il-fond jinkombu lill-awtorità rekwiżizzjonanti in forza tar-rekwiżizzjoni "sic et simpliciter". Dan huwa minnu f'każijiet eċċezzjonali; imma meta si tratta min tiswijiet li s-sid huwa dejjem tenut li jagħmel, apparti r-rekwiżizzjoni u indipendentement minnha, stante l-obbligu tiegħu bħala sid taħt il-liġijiet in materja, allura s-sid ma jistax jirriversa dan l-obbligu fuq l-awtorità rekwiżizzjonanti.*

*Iżda jekk l-awtorità rekwiżizzjonanti tkun assumiet l-obbligu li tagħmel hija dawk it-tiswijiet fil-fond, sid il-fond ma hux aktar responsabili li jagħmilhom, avvolja r-regola hija illi ftehim li jsir bejn persuna obbligata li tagħmel xi tiswijiet u oħra ma jistax ineħħi r-responsabilità ta' l-ewwel waħda quddiem il-Gvern, u tant anqas quddiem il-liġi, għax fi ftehim simili l-Gvern huwa terza persuna. Għax f'każ ta' assunzjoni ta' dan l-obbligu da parti ta' l-awtorità rekwiżizzjonanti l-Gvern ma hu xejn affattu terza persuna, imma assuma dak l-obbligu huwa stess.*

*Huwa veru li kull Dipartiment tal-Gvern għandu mansjonijiet partikulari; imma kull dipartiment hu parti minn personalità unika, dik ċjoè tal-Gvern; u jkun anti-ġuridiku li l-Gvern ifittex kriminalment lil ħadd ieħor għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li assuma hu stess.*

Fuq l-imputazzjoni illi fit-13 ta' Settembru 1946, il-Belt, Triq Sant'Ursola, nru. 31 (kerrejja), naqas milli jżomm din il-kerrejja fi stat tajjeb ta' bini u f'kondizzjoni iġjenika tajba, l-imsemmi Dr. Maempel, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tat-30 ta' Ottubru 1946, ġie misjub ħati, kundannat għall-piena tar-riprensjoni u ammonizzjoni, u ġie lilu prefiss it-terminu ta' ħmistax-il ġurnata biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kull jum għal kull ġurnata ta' nuqqas;

Fuq l-appell ta' l-istess Dr. Maempel, din il-Qorti, wara li semgħet il-provi u d-diskussjoni, ikkunsidrat;

Mill-provi, testimonjali u dokumentali, deher illi dan il-fond kien ġie danneġġjat bil-bumbardament mill-ajru waqt il-gwerra u li l-appellant kien dan l-aħħar beda x-xogħol tat-tiswija; iżda fil-kors ta' dan ix-xogħol il-fond ġie rekwiżizzjonat mill-Housing Commissioner. Il-kwistjoni attwali tirrigwardu t-tiswijiet li qiegħda teżiġi li jsiru l-Awtorità Sanitarja, jiġifieri tal-paviment tal-bitħa u tal-kmamar nru. 10 u 11, tal-gallarija tal-kamra nru. 10, u tal-ventilatur tad-"drains";

L-argument ta' l-appellant, almenu dak miġjub fl-ewwel lok, illi dawn it-tiswijiet jinkombu lill-Housing Commissioner in forza tar-rekwiżizzjoni, "sic et simpliciter", ma hux korrett. Is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, similment presjeduta, "Pulizija vs. Camilleri" tal-24 ta' Novembru 1945, ma stabbilietx bl-ebda mod, kif jidher li jippretendi l-appellant, illi bħala massima t-tiswijiet ta' fond rekwiżizzjonat jinkombu lill-Awtorità li tirrekwiżizzjona l-fond. Jekk f'ċirkustanzi eċċezzjonali, bħal ma kienu dawk tal-każ ċitat, in-neċessità ta' dawn it-tiswijiet tinħoloq unikament in konsegwenza tar-rekwiżizzjoni, jew ta' l-użu speċjali li jsir mill-post mill-parti ta' dik l-Awtorità, mingħajr ma s-sid, diversament, kien ikun normalment tenut li jagħmilhom fil-kors ordinarju ta' l-affarijiet u skond il-liġijiet li jimponu dawn l-obligi lis-sidien, allura jkun hemm lok, dejjem salvi ċirkustanzi speċjali, għall-konklużjoni tas-sentenza "Camilleri". Imma meta si tratta, bħal fil-każ preżenti, ta' tiswijiet li s-sid kien dejjem tenut li jagħmel, apparti r-rekwiżizzjoni u ndipendentement minnha, stante l-obligu tiegħu bħala sid taħt il-liġijiet in materja, allura ma jistax is-sid jirriversa dan l-obligu tiegħu fuq ir-"re-

quisitioning authority". Fil-każ preżenti, Dr. Maempel kien sejjer jagħti l-fond għall-abitazzjoni wara li jsewwieh, kif għamel il-Housing Commissioner, u għalhekk ma jistax jingħad illi l-bżonn ta' dawk it-tiswijiet inħoloq unikament bir-rekwiżizzjoni, jew b'xi użu speċjali tal-fond in segwitu għar-rekwiżizzjoni. Għalhekk, in bażi għal dik il-ġurisprudenza, ebda ajjut ma jista' jkollu l-appellant;

Ikkunsidrat;

Illi f'dan il-każ, però, hemm fattur ieħor speċjali, minbarra r-"requisition". Jirriżulta illi, meta rrekwiżizzjona l-post, il-Housing Commissioner intima lill-appellant biex jagħżel jekk ikomplix jagħmel it-tiswijiet l-appellant stess, jew inkella jekk l-appellant jawtorizzax id-Dipartiment tal-Housing biex jagħmel it-tiswijiet, u mbagħad id-Dipartiment idaħħal l-ispiża mill-War Damage Commission; u l-appellant għamel l-għażla tiegħu fis-sens li awtorizza lid-Dipartiment fuq imsemmi biex jagħmel it-tiswijiet u mbagħad jinkassa l-ispiża minn għand il-War Damage Commission;

Dan jirriżulta ċar mill-"file" uffiċjali eżibit...........;

Il-fatt ta' l-assunzjoni ta' dana l-obligu ġie anki konfermat bix-xhieda ta'...........;

Issa l-pont (kif anki argumentat mill-Avukat tal-Kuruna anzjan) hu dan: Suppost li hemm din l-assunzjoni ta' l-obligu, kif fuq ingħad, jista' din tneħħi r-responsabilità in sedi kriminali ta' l-appellant taħt id-dispożizzjoni rilevanti tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija?

Issa, in teżi ġenerali, ftehim li jsir bejn persuna obligata skond il-liġi li tagħmel tiswijiet u persuna oħra, ma jistax ineħħi *r-responsabilità* ta' l-ewwel waħda quddiem il-Gvern, u tant anqas quddiem il-liġi; għaliex, kif ġie osservat fis-sentenza mogħtija mill-kompjant Imħallef Dr. Luigi Camileri, sedenti f'din il-Qorti, fis-sentenza "La Polizija vs. John Apap", fi ftehim simili "il Governo è un terzo" (Vol. XXV—IV—940);

Imma f'dan il-każ hemm dan: l-obligu tat-tiswijiet ġie *assunt minn* Dipartiment tal-Gvern (Housing Deparment). Ma jistax issa dipartiment ieħor tal-Gvern (id-Dipartiment Sanitarju per mezz tal-Pulizija) jinjora dik l-assunzjoni, appuntu għaliex il-Gvern ma kien xejn affattu terz fiha, imma assuma l-obligu hu stess. Veru hu li kull dipartiment tal-

Gvern għandu mansjonijiet partikulari; imma kull wieħed hu parti minn personalità unika, dik ċjoè tal-Gvern; u kien ikun anti-ġuridiku illi l-Gvern ifittex kriminalment lil ħadd ieħor għall-eżekuzzjoni ta' obligu li assuma hu stess;

Għal dawn il-motivi l-appell jirnexxi;

Għalhekk tiddeċidi billi tilqgħu, tħassar is-sentenza appellata, tiddikjara l-appellant mhux ħati, u tordna li jiġi liberat.